# *Seħer, Storja u Kurżità ...*

# L-Inħawi tal-Minġiba



kitba u analiżi ta' Louis VASSALLO

**L-inħawi** tassew sbieħ u pittoreski, li jinsabu bejn ir-Rabat u l-Mosta, huma magħrufa bħala '**tal-Minġiba**'. Il-biċċa l-kbira ta' din l-art hija propjetà privata tal-familja Testaferrata Bonici. Il-kappella l-qadima li tinsab f'dawn l-akkwati, maqtugħa minn kull bini u mdawra bil-beraħ tal-kampanja, tappartjeni wkoll lill-istess familja ta' demm nobbli. Hawnhekk, għandek tiltaqa' ma' għalqa partikolari msejħa 'l-Għerien'. Fiha jinsab katakombi li kien iservi għad-dfin tal-mejtin ta' l-ewwel Insara li kienu jgħammru fil-Mosta.

## Taħt Swar l-Imdina

Fil-poema klassika 'L-Għanja tas-Seba' Niċeċ', il-poeta George Zammit jirrakkonta li:

"Sewwasew taħt swar l-Imdina,
Bqajt għaddej sat-triq li tagħti
Mill-Imdina għall-Buqana
U għall-Qattara. Wied il-Qliegħa
Hekk ilħaqt. Minn post fejn knisja
Dħalt fil-wied, li minn hawn 'l isfel
Jibdel ismu, għaliex joqrob
Lejn it-Tielet Niċċa tiegħi,
Lejn il-Għar ta' l-Isperanza".

J.J. Camilleri, fil-programm tal-festa tal-Filarmonika Santa Marija 1997, kiteb li "Tal-Qlejja tfisser naħa għolja u tfisser ukoll kastell żgħir". George Zammit isemmi wkoll 'Ta' Buqana' li J.J. Camilleri jtarrfilna li "jsejħulha hekk għall-kanali ta' l-ilma". Ta' Buqana tinsab int u nieżel mill-Imdina, qabel ma taqbad it-trejqa li tieħdok għal Ta' Qali. Hemmhekk tinsab kmajra qadima fejn fuqha tinsab niċċa ta' Santa Marija. Is-sid ta' l-għalqa kien iddeċieda li l-istatwa jirregalaha lill-Oratorju Marija Immakulata tal-Mosta. Lejn l-aħħar tas-seklu l-ieħor, poġġew xbieha komuni tal-Kunċizzjoni. F'Ġunju tas-sena 2000, il-Kunsill Lokali tar-Rabat beda jieħu ħsieb ir-restawr ta' dan il-post.




*Din il-kamra qadima fl-inħawi 'Ta' Buqana', tiftaħ is-separju għal xenarju mill-isbaħ. Fuq is-saqaf tagħha tinsab niċċa ħelwa fejn fiha naraw statwa komuni tal-Madonna.*
**(ritratt: Louis Vassallo)**

## Il-Kappella ta' l-Inħawi

Mal-medda taż-żmien, il-kappella ta' Testaferrata Bonici ħadet isimha kemm mill-inħawi li jdawwarha u kif ukoll mill-wied li jgħaddi iserrep minn biswitha. E.B. Vella fil-ktieb 'Storja tal-Mosta', jirreferi għaliha bħala "il-knisja msejħa tal-Minġiba". Fil-programm tal-festa tas-**Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard** ta' l-1999, Tony Terribile jiddeskriviha bħala "il-knisja ta' San Pawl ta' Wied il-Qliegħa". Filwaqt li Joseph Borg fil-ktieb 'It-Toroq tal-Mosta' jgħaqqad dawn iż-żewġt ismijiet flimkien: "Il-Knisja ta' San Pawl tal-Qlejgħa jew tal-Minġiba". Fir-rubrika tiegħu 'Kont Taf li ... ' li dehret fil-gazzetta 'It-Torċa' tas-16 ta' Jannar 2000, Joe Balzan jgħid hekk: "Kont taf li dik il-knisja żgħira f'Wied il-Qlejgħa, fil-post eżatt magħruf bħala Tal-Minġiba, hija ddedikata lil San Pawl (Nawfraġju)?". Donnu li Joe Balzan għandu dubju għal liema titlu hija ddedikata din il-kappella. Fil-fatt insibu bosta verżjonijiet. Alfie Guillamier jirreferi għaliha bħala 'San Pawl Nawfraġju', imma ma jagħti l-ebda ħjiel ieħor. "Fl-1615, f'din il-knisja kien hemm il-kwadru tal-Konverżjoni ta' San Pawl, u tan-Nawfraġju li sar f'din il-gżira ta' Malta". Hekk kiteb E.B. Vella filwaqt li jkompli jgħidilna li aktar tard fl-1695 "ġiet mogħtija t-titlu tan-Nawfraġju ta' San Pawl". Il-fehma ta' Tony Terribile hija li "skond il-visti pastorali ta' l-isqfijiet f'din il-knisja oriġinali, kienet kull sena tiġi ċċelebrata l-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl". L-istess awtur jgħidilna li madankollu "l-kwadru titolari ... jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl". Imma Joseph Borg bħal donnu jneħħi kull fellus ta' dubju meta jgħidilna ċar u tond "ġiet iddedikata f'ġieħ in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta".



*Il-kappella solitarja ta' San Pawl tinsab fl-inħawi pittoreski bejn ir-Rabat u l-Mosta. Il-beraħ tal-kampanja u l-wied li jgħaddi iserrep minn biswit iż-żuntier tagħha, joħolqu kartolina sbejħa.*
**(ritratt: Louis Vassallo)**

## L-Oriġini Tagħha

Il-kappella li naraw illum hi propjetà privata u bdiet tinbena għal ħabta tas-sena 1690 flok oħra eqdem minnha. Dan ma jfissirx li nbniet eżattament fejn kienet l-oriġinali. Dan jikkonfermah E.B. Vella nnifsu meta kiteb "ġiet mibnija mill-ġdid fuq pjanta isbaħ u f'post aħjar". L-istess kittieb jagħti ħjiel dwar il-kappella l-antika meta stqarr li "fl-1915, f'din il-knisja kien hemm il-kwadru tal-Konverżjoni ta' San Pawl ...". Fit-tagħrif li jagħti Tony Terribile meta jsemmi dwar l-oriġini tagħha jgħid li "magħha wkoll kien hemm ċimiterju li fih kienu jindifnu bosta nies ta' l-inħawi". Din il-ġawhra prezzjuża, damet tinbena madwar ħames snin. Kien lejliet il-festa ta' San Pawl Nawfraġju, nhar id-09 ta' Frar 1695, meta tbierket mill-Kanonku D. Ferdinando Castelletti. Joħroġ spjegat il-punt, li filwaqt il-kappella l-antika kienet iddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl, meta reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid tawha t-titlu tan-Nawfraġju. Forsi dan seħħ, minħabba li ġiet imbierka lejliet din il-festa tant għażiża mill-poplu tagħna? Bħal kumplament tal-knejjes Maltin u Għawdxin, din il-kappella kienet imħollija f'idejn min għandu r-raba' jew bini li fuqhom kien hemm imħolli xi legat. Dan il-legat kien jorbot lis-sid ta' l-art, biex iżomm il-kappella fi stat tajjeb u biex isiru l-għasrien u quddiesa f'jum il-festa tal-qaddis.

## Kapaċità Artistika

Meta wieħed jidħol ġewwa josserva li s-saqaf hu magħmul mit-troll u maħdum bi preċiżjoni perfetta. Dan hu l-aqwa xhieda tal-kapaċità artistika ta' min fassal il-pjanta u tal-bennejja li ħadu ħsieb ix-xogħol tal-bini. Tinħass ħafna l-influwenza ta' Lorezo Gafà li kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu f'dawk iż-żminijiet. Billi fiha ma jidhru l-ebda opri partikolari ta' l-arti, l-arkitettura tagħha tiġbed l-attenzjoni tal-viżitatur. Ta' min jinnota l-bankijiet tal-ġebel mad-dawra tagħha, eżempju klassiku ta' l-istil arkitettoniku ta' dak iż-żmien. Alfie Guillamier jgħidilna li "fis-seklu XVII bnewlha koppla ġdida". Iżda din il-kappella qatt ma kellha koppla għax anke l-għamla tas-saqaf jurik. X'aktarx li Guillamier tfixkel mal-knisja ta' l-Isperanza! Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, numru ta' suldati sabu l-kenn tagħhom fiha, għal bosta xhur u snin.

## Tliet Mitt Sena

Il-bini Barokk tagħha għandu mat-tlett mitt sena. Ġiet mibnija fis-sekli sbatax/tmintax meta dan l-istil kien ferm imfittex fil-gżejjer Maltin. Il-frontispizju għandu għamla unika, li m'hawnx ieħor bħalu f'dawn il-gżejjer. L-istess nistgħu ngħidu għat-tifsila taz-zuntier. Minn maġenb il-kappella, tinżel trejqa mħaffra fil-blat li twasslek sa fuq iż-żuntier u hekk tilmaħ quddiem għajnejk dehra mill-isbaħ ta' l-inħawi! Ħdejn il-koxxa tal-bieb ewlieni naraw irħama ċkejkna li fuqha hemm miktub bit-Taljan "*Non gode immunità ecclesiastica*". Fil-ktieb 'Art Twelidi' tal-Kav. Joseph Galea niltaqgħu ma' tagħrif interessanti dwar it-tifsira li hemm marbuta ma' din il-lapida li hija tant komuni mal-kappelli tal-kampanja.

## Lapida Ċkejkna

"Din mhix ħlief twissija għall-kriminali li jkunu għamlu xi delitt, ... kull delinkwent li jkun wettaq delitt, jekk imur jiġri lejn il-knisja u jidħol jistkenn hemm ġewwa fiha, il-ġustizzja ma tistax għalih. Mhux biss,




*Aħna l-ulied tal-progress u l-informatika ftit li xejn nistgħu nifhmu x'missjoni kellha din il-lapida li kienet ferm komuni mal-kappelli tal-kampanja! Id-dehra tagħha llum, tfakkarna fiż-żmien li għadda u mar biex qatt iżjed ma jerġa' jiġi lura.*
**(ritratt: Louis Vassallo)**

imma kellhom jieħdu ħsieb jitimgħuh ukoll. Biss, jekk kemm-il darba joħroġ 'il barra minnha jaqa' taħt il-liġi, u l-pulizija tkun tista' taqbdu u tarrestah, biex jiġi pproċessat". Galea jkompli jgħidilna li wara ħafna tilwim, il-Papa Piju VI kien ħareġ '*Motu proprio*', bid-data tal-25 ta' Ġunju 1777, fejn amar li mhux kull knisja tgawdi dak il-privileġġ ta' l-immunità.Il-Papa llimita dan il-privileġġ lil ftit kappelli biss. Il-kumplament tal-kappelli l-oħra poġġewlhom il-lapida msemmija biex il-ġustizzja tkun tista' tarresta u tressaq quddiem il-qorti lil dawk id-delinkwenti li jidħlu fihom. Il-kittieb itemm l-informazzjoni tiegħu hekk: "Din il-farsa tneħħiet għal kollox fis-sena 1828 wara ħafna tibdil ta' korrispondenza bejn il-Gvernatur Hastings, fuq ir-rapport ta' Sir John Richardson u l-Vatikan".

## Graffiti fuq il-Ħajt

Fortunatament, il-faċċata tal-Kappella tal-Minġiba, qatt ma ntmesset b'xi żebgħa u mn'Alla! Dan minħabba n-numru ta' graffiti li hemm mal-ħitan tagħha. Għalkemm għaddew sekli sħaħ minn fuqhom, tista' tgħid li għadhom fi stat tajjeb. Dari, din il-kappella kienet devota ħafna min-nies ta' l-inħawi. L-għadd ta' graffiti jiskorri t-tletin waħda, huma l-aqwa xhieda ta' dan li qegħdin ngħidu. Huma manifestazzjoni popolari ta' wegħdi magħmula minn baħħara u bdiewa. Wara li jkunu qalgħu dak li xtaqu u talbu għalih, kienu jnaqqxu tifkira. Joe Balzan jgħid li "kienu jemmnu li dawn aktar jibqgħu jeżistu minn kwadri mpittra". Balzan jissokta " ... l-aktar graffiti li naraw huma komposti minn xwieni, imbagħad naraw id merfugħa, logħba (ngħidu aħna tixbaħ lil dik tat-trija), għasfur, żbula tal-qamħ, salib tal-kavallieri u oħrajn, li żgur joffru xi messaġġ. Żgur li mhumiex magħmula b'xi arti, imma magħmula b'attenzjoni biex jagħtu identifikazzjoni tal-ġifen jew xini". Fuq l-oriġini tagħhom, Tony Terribile jikkonferma li "fil-biċċa 'l kbira tagħhom, dawn il-graffiti jmorru lura lejn tmiem is-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax". Dawn it-tip ta' simboli mnaqqxa fil-ħitan, jitpoġġew mal-kategorija ta' '*ex voto*'. Wieħed għandu jiltaqa' magħhom f'diversi knejjes. Bħal dik ta' Santu Rokku f'Ħal Balzan, mal-faċċata tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien u kif ukoll mal-knisja ċkejkna ddedikata lil Marija Annunzjata fil-Gudja. Nappella lil dawk li jmorru josservawhom biex ma jagħmlulhom l-ebda ħsara. Dawn għandna nibżgħu għalihom, għax dawn ukoll jagħmlu sehem mill-patrimonju tagħna.



*Dawn is-simboli ta' xwieni mnaqqxa fil-ħajt, huma xhieda ta' wegħdi magħmula minn baħħara Insara ta' żmien l-Ordni. Dawn il-graffiti jitpoġġew mal-kategorija 'ex voto' u llum jagħmlu sehem mill-patrimonju tagħna l-Maltin.* (ritratt: Louis Vassallo)

## Post Strateġiku

Il-post strateġiku ta' din il-kappella ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, dejjem qajjem suspetti biex jiġi deċiż eżattament il-lokalità tagħha. E.B. Vella jgħidilna hekk "(fil-limiti parrokkjali ta' l-Imdina)". Filwaqt li Joe Balzan jidher li kien indeċiż f'din il-biċċa. Huwa kiteb li "fuq din il-knisja dejjem kien hemm kwistjoni dwar ma' min tagħmel bħala propjetà. Il-parroċċa tal-Mosta tgħid li hi tagħha, waqt li l-Kapitlu tal-Katidral jgħid li taqa' taħt il-ġuridizzjoni tiegħu". Ir-rettur tagħha, Adrijanu Ġużeppi Cachia, patri Franġiskan mir-Rabat qalli, li għalkemm tagħmel mal-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina, din il-kappella hi propjetà assoluta tal-familja Testaferrata Bonici. Dan it-tagħrif ikkonfermah, Dun Salv Magro, li fejn jidħlu kappelli fil-periferija tal-Mosta dejjem hu l-punt ta' riferenza! Dun Salv qalli wkoll kif fl-imgħoddi t-trejqa l-antika li taqsam Wied il-Qliegħa permezz ta' tliet arkati tal-ġebel kienet isservi ta' linja li tifred ir-Rabat mill-Mosta. Meta wieħed iħares minn fuq l-arkati, b'daħru lejn l-Imdina, fuq il-lemin tiegħu jara l-kappella tal-Minġiba, waqt li fuq ix-xellug jilmaħ il-kappella ta' Santa Marija 'taż-Żejfi', li tagħmel mal-konfini tal-Mosta. Imma anke hawn jerġa' jfiġġ id-dubju għax E.B. Vella jsostni li l-knisja taż-Żejfi "( ... qegħda fil-limiti parrokkjali ta' l-Imdina)". Però, hawnhekk irridu noqogħdu attenti biex ma nħalltux il-konfini mal-limiti parrokkjali. Tant hu hekk li fil-mappa turistika li ħareġ il-Kunsill Lokali tal-Mosta, turi fost il-bosta postijiet storiċi tagħna l-Mosta, il-kappella ta' San Pawl tal-Minġiba. Imma meta wieħed iqalleb l-aħħar edizzjoni tad-Direttorju Parrokkjali ta' l-1999 li ħareġ l-Arċipriet tal-Mosta, ma nsibu l-ebda riferenza għaliha! Fuq kollox fir-raħal/belt tagħna nsibu 'Triq San Pawl tal-Qlejgħa' li tixhed kemm din il-kappella hi għal qalb il-poplu Mosti.

## Imfietaħ u Ċwievet

Patri Adrijanu tgħarrafli li l-amministratur preżenti tagħha hu t-tabib Alexander Cachia Zammit. Is-sur Cachia Zammit għad għandu żewġ pjaneti qodma li kienu jintlibsu miċ-ċelebrant waqt il-funzjonijiet li kienu jsiru f'din il-kappella. Il-Patri stqarr ukoll li l-imfietaħ u ċ-ċwievet kien għaddihomlu Salvu Agius, magħruf mal-Mostin kollha bħala 'Il-Bonu'. Sakemm miet, dan ir-raġel



*Il-kwadru titolari ġarrab diversi ħsarat matul is-snin li għaddew minn fuqu. Iżda t-tbajja li sofra kawża ta' l-ilmijiet fil-maltempata ta' l-1979, huma ta' natura rreparabbli (dettal tal-wiċċ).* (ritratt: Ruben Chetcuti)

twajjeb kellu f'idejh l-imfietaħ kollha tal-kappelli li jinsabu fil-periferija tal-Mosta. Saħansitra kellu l-aċċess biex jiftaħ il-kappella ta' Santa Katarina li tinsab f'Wied il-Għasel imma li tagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar! Intant, Patri Adrijanu, ilu jieħu ħsieb din il-kappella minn meta Dun Bert Bezzina, illum Monsinjur, kien l-Arċipriet tal-Mosta.

## Il-Kwadru Titolari

Kemm ir-rettur innifsu kif ukoll Toni Micallef, voluntier Mosti li għex u trabba f'razzett ta' dawn l-inħawi, qaluli dwar il-maltempata ta' l-1979. F'Ottubru ta' dik is-sena, il-kappella ġarrbet ħsarat kbar, kawża ta' l-ilma li daħal ġewwa. Ma ninsewx li din hija mibnija taħt il-livell tat-triq, biswit il-wied. Waqt dik il-maltempata, il-kwadru titolari, li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl, ġarrab diversi tbajja' kawża ta' l-ilmijiet. Saru diversi tentattivi biex dan it-titolar jiġi rrestawrat imma sfortunatament il-ħsara hi rreparabbli. Wara li kien tneħħa minn fuq l-artal għal xi żmien, hemm il-ħsieb li jerġa' jitwaħħal f'postu, biex ta' l-anqas jitgawda kif inhu! Fl-imgħoddi, fil-knisja ta' qabel din, skond Tony Terribile "fuq l-artal, kien hemm ukoll pittura ta' San Pietru u San Pawl". Hemm min jaħseb li l-kwadru titolari hu xogħol ta' Filippu Dingli.

## Il-Knisja Llum

Il-Patri Franġiskan flimkien ma' sieħbu Toni, ħadu ħsieb biex jgħorku ċ-ċangatura tal-qiegħa ta' l-art, u jirranġaw il-bankijiet ta' l-injam. Inħadmu żewġ antiporti ġodda li swew is-somma ta' Lm500. Issewwa l-bieb ta' barra, għax xi vandali kienu kissruh u anke daħlu ġewwa fejn serqu xi ornamenti. Dan il-fatt kien seħħ għal ħabta tal-Milied ta' l-1998. Snin qabel, kienet insterqet il-qanpiena mill-kampnar. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien ħa ħsieb li jdawwal din il-kappella fid-dalma tal-lejl permezz ta' rifletturi tad-dwal. B'sodisfazzjon nistqarr li fil-bidu tat-Tielet Millennju tal-Kristjaneżmu, il-kappella tal-Minġiba tinsab fi stat tajjeb u ffrekwentata mill-fidili li joqogħdu viċin iċ-*Chadwick Lakes*, oħrajn mill-Blata l-Għolja, Tas-Sriedak u saħansitra miż-Żebbiegħ. Kull nhar ta' Sibt titqaddes quddiesa fil-ħamsa ta' wara nofs inhar. Waqt li fix-xhur sajfin, il-quddiesa toħroġ fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija. Il-festa ta' din il-kappella taħbat nhar l-10 ta' Frar. Tiġi ċċelebrata quddiesa sollenni bis-sehem tal-kor. Mhux l-ewwel darba li għaqdiet differenti għamlu użu minn din il-kappella solitarja. Fosthom insemmi liż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-lokal fejn minn żmien għal żmien organizzaw irtiri u laqgħat ta' talb għall-membri. L-Għaqda Filantropika Talent Mosti kienet ġibdet xi xeni mill-vidjows tagħha f'dan il-lok, minħabba l-ambjent folkloristiku u reliġjuż li toffri din il-kappella tassew ħelwa.

## Wied il-Qlejgħa

Filwaqt li l-inħawi ta' madwar il-kappella huma magħrufa bħala 'Tal-Minġiba', il-wied li jgħaddi jserrep hu msejjaħ 'Tal-Qlejgħa'. Oħrajn jgħidulu 'Tal-Qlejja' jew 'Tal-Qliegħa'. Għalhekk isem il-wied iddakkar u twaħħad ma' l-istorja tal-kappella minħabba l-ilma li jgħaddi minn biswit iz-zuntier tagħha. Dan il-wied



*Fl-imgħoddi l-Iskawts tal-Mosta kienu jwettqu sezzjoni ta' taħriġ bil-ħbula billi jiffurmaw pont li jaqsam minn xaqliba għall-oħra ta' Wied Ħanżira. Dak ir-raġel li jidher jaqsam il-pont mhu ħadd ħlief missieri!* (ritratt: Charles Vella)

pittoresk jibqa' sejjer għal Wied Ħanżira li jinsab ftit metri bogħod. J.J. Camilleri jsostni li "Il-Ħanżira jgħidu li jisimgħa hekk, għax wara xita qawwija, il-wied ġarr kemm-il darba lejn din-naħa perikoluża għadd ta' ħnieżer li kienu jirgħu fil-qrib". Wied Ħanżira jinsab f'dik il-parti bejn il-kappella tal-Minġiba u l-knisja ta' l-Isperanza. Minn hawnhekk, illum il-ġurnata l-għaqdiet piroteknići Mostin, qegħdin jaħarqu l-murtali matul il-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Kien fl-1997 meta kellu jinbidel il-post minn fejn jinħaraq in-nar għar-raġuni li l-awtoritajiet ma kinux ħarġu l-permessi meħtieġa.



*Matul ix-xitwa u r-rebbiegħa, wieħed għadu jista' japprezza s-seħer ambjentali li jirrenja f'Wied il-Qlejgħa u l-inħawi li jdawruh. Dan hu l-wirt għażiż li jixraqlu kull protezzjoni minna lkoll.* (ritratt: Louis Vassallo)

## It-Trejqa tal-Wied

Wied il-Qlejgħa u l-inħawi li jdawwruh huma postijiet ideali għal xi ħarġa mal-familja jew mal-ħbieb, l-aktar meta x-xitwa tkun fl-aqwa tagħha! Meta toħroġ xi ġurnata sabiħa, ngħidu aħna l-Ħadd wara nofs inhar, x'hemm isbaħ milli tagħmel passejn f'dawn l-inħawi fejn tkun tista' tapprezza s-seħer tan-natura fil-kwiet u l-ġabra ta' madwarek. Fil-poeżija 'Il-Liturġija tal-Wied', il-poeta Noel Fabri jinħakem minn dan is-seħer ambjentali u jlissen:

*Il-lum erġajt imxejtha*
*it-trejqa tal-wied*
*u mxejt tul il-korsija*
*fuq tapit ħadrani bil-fjuri*
*fuq kull naħa lebsin il-libsa tal-festa*
*qawsalla ta' kuluri.*
*U smajt ir-riħ*
*imexxi l-liturġija*
*u smajt il-kor*
*igħanni l-poeżija.*

Imma aħna l-Maltin bħal donnu għandna kultura misħuta li rridu nħammġu kull fejn inkunu! Mhux darba jew tnejn li voluntieri u għaqdiet Mostin flimkien mal-Kunsill Lokali stinkaw kemm felħu biex naddfu dan il-wied minn bosta skart u ħmieġ.

## Passiġġata Kulturali

L-iskop ta' din il-kitba u l-analiżi li għamilt kien li l-ewwelnett niġbor flimkien it-tagħrif kollu li wasal għandi minn diversi sorsi. Nispjega l-kurżitajiet li ltqajt magħhom tul l-istudji tiegħi. U fuq kollox, li kitbieti sservi ta' passiġġata kulturali fejn il-leġġenda, il-kult Nisrani, l-arti, l-istorja u l-pajsaġġ, jitwaħħdu ma' xulxin biex jissawru fl-inħawi msaħħra tal-Minġiba.

**RIFERENZI:**


1. *E.B. Vella u Oħrajn, STORJA TAL-MOSTA (Empire Press 1972/ Ħajja Press 1986).*
2. *Alfie Guillamier, BLIET U RĦULA MALTIN (Lux Press 1972).*
3. *Joseph Borg u John A. Sant, IT-TOROQ TAL-MOSTA (Proprint Ltd. 1998).*
4. *George Zammit, POEŻIJI (Interprint Ltd. 1980).*
5. *Joseph Galea, ART TWELIDI (Imprint Ltd. 1994).*
6. *Noel Fabri, DWAL U DELLIJIET (Industry Services Ltd. 1998).*
7. *Filarmonika Santa Marija - Programm tal-Festa 1997.*
8. *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard - Programm Festa 1999.*
9. *IT-TORĊA, Il-Ħadd Magażin (il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2000).*
10. *Direttorju Parrokkjali 1999/Parroċċa tal-Mosta.*
11. *Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu, Mosta/Programm tal-logħob tan-nar 1997.*
12. *Ħajr lil Patri Adrijanu Ġużeppi Cachia, Dun Salv Magro, Toni Micallef u Raymond Grech għat-tagħrif li għaddewli.*





# DAKAR GARAGE

Joseph Zarb
**Automechanic**
Specialized on Peugeot Repair
Peugeot Parts for sale
Znuber Street, Mosta MST 03.
**Tel: 412116 - Mobile: 0947 2965**